Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0158(NLE)

18.6.2025

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2026
(COM(2025)0304 – C10-0110/2025 – 2025/0158(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Eva Maydell

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 9

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta’ Jannar 2026
(COM(2025)0304 – C10-0110/2025 – 2025/0158(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2025)0304),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0110/2025),

– wara li kkunsidra r-Rapport ta’ Konverġenza 2025 tal-Kummissjoni u r-Rapport ta’ Konverġenza tal-Bank Ċentrali Ewropew ta’ Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Grupp tal-Euro u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Is-sħubija tal-Bulgarija fiż-żona tal-euro tibgħat sinjal politiku u ekonomiku b'saħħtu ta' fiduċja fil-vijabbiltà u l-attraenza dejjiema tal-munita unika tal-Unjoni Ewropea. Aktar minn għoxrin sena wara l-introduzzjoni tal-euro, ir-rieda tal-Bulgarija li tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2026 tafferma mill-ġdid il-koeżjoni tal-Unjoni u r-rwol tal-euro bħala simbolu globali ta' stabbiltà u unità. Il-Bulgarija kisbet progress sostanzjali lejn konverġenza ekonomika sħiħa, u dan ipoġġiha f'pożizzjoni tajba biex issir il-21 membru taż-żona tal-euro.

Il-Bulgarija introdukiet il-qafas tal-bord tal-valuta tagħha fl-1 ta' Lulju 1997, u rabtet il-lev Bulgaru mal-marka Ġermaniża u sussegwentement mal-euro. Mill-adeżjoni tagħha fl-UE fl-2007, il-Bulgarija kellha l-istatus ta' "Stat Membru b'deroga", soġġett għal valutazzjonijiet regolari ta' konverġenza mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Fil-livell tal-Parlament Ewropew, il-Grupp ta' Ħidma tal-Pajjiżi Kandidati għall-Adeżjoni fl-Euro ġie stabbilit b'deċiżjoni tal-Koordinaturi tal-Kumitat ECON fit-18 ta' Novembru 2019. Dan il-Grupp baqa' attiv matul id-9 leġiżlatura kollha, skrutinizza r-rieda tal-Bulgarija li tingħaqad maż-żona tal-euro u organizza erba' sessjonijiet iddedikati ma' esperti, kif ukoll mal-Viċi Prim Ministri u l-Ministri tal-Finanzi Bulgari.

Fil-25 ta' Frar 2025, il-Bulgarija ppreżentat talba għal valutazzjoni tal-konverġenza. Ir-rapporti tal-BĊE u tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2025 jinkludu eżami tal-kompatibbiltà bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Bulgarija, b'mod partikolari l-istatut tal-bank ċentrali nazzjonali tagħha, mal-Artikoli 130 u 131 tat-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE. Ir-rapporti jeżaminaw ukoll jekk intlaħaqx livell għoli ta' konverġenza sostenibbli, b'referenza għall-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u jqisu bosta fatturi oħra meħtieġa skont is-subparagrafu finali tal-Artikolu 140(1) tat-Trattat.

Abbażi tar-rapport ta' konverġenza tagħha stess u dak tal-BĊE, il-Kummissjoni pproponiet li l-Bulgarija tadotta l-euro mill-1 ta' Jannar 2026. F'konformità mal-Artikolu 140(2) tat-TFUE, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'maġġoranza kwalifikata u fuq proposta mill-Kummissjoni, liema Stati Membri b'deroga jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro, kif definit fl-Artikolu 140(1) tat-TFUE. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u abbażi tar-rapporti tal-Kummissjoni u tal-BĊE. Il-Parlament huwa għalhekk ikkonsultat dwar il-proposta leġiżlattiva għal deċiżjoni tal-Kunsill biex il-Bulgarija tkun tista' tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2026.

Dwar il-kriterji ta' konverġenza skont l-Artikolu 140(1) tat-TFUE, ir-rapporteur josserva:

1. Il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-Artikoli 130 u 131 tat-TFUE u mal-Istatuti tal-BĊE

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Bulgarija, inkluża l-Liġi dwar il-Bank Nazzjonali Bulgaru, hija allinjata bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-UE. Il-liġi tiggarantixxi l-indipendenza tal-bank ċentrali nazzjonali u tal-membri tal-korpi deċiżjonali tiegħu, il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u l-aċċess privileġġjat, u tiżgura l-konformità mal-objettivi tas-SEBĊ kif ifformulati fl-Artikolu 127 tat-Trattat.

2. Il-kisba ta' livell għoli ta' stabbiltà fil-prezzijiet

Matul it-12-il xahar sa April 2025, il-Bulgarija rreġistrat rata ta' inflazzjoni medja ta' 2,7%, taħt il-valur referenzjarju ta' 2,8%. Analiżi ta' sett wiesa' ta' indikaturi ma tiżvela l-ebda theassib dwar is-sostenibbiltà tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-valur referenzjarju huwa kkalkulat bħala r-rata medja tal-inflazzjoni tat-tliet Stati Membri tal-UE bl-aħjar prestazzjoni f'termini ta' stabbiltà tal-prezzijiet, b'żieda ta' 1,5 punti perċentwali. Għall-perjodu minn Mejju 2024 sa April 2025, il-valur referenzjarju ta' 2,8% huwa bbażat fuq ir-rati tal-inflazzjoni tal-Irlanda (1,2%), il-Finlandja (1,3%) u l-Italja (1,4%). L-ebda Stat Membru ma tqies bħala outlier statistiku f'dan il-kalkolu, peress li l-ebda wieħed ma wera devjazzjonijiet fl-inflazzjoni ferm ogħla mill-medja taż-żona tal-euro minħabba fatturi speċifiċi għall-pajjiż.

3. Is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern

Il-Bulgarija attwalment mhijiex soġġetta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Id-defiċit tal-baġit ġenerali tal-gvern tiegħu kien ta' 3,0% tal-PDG fl-2024, jiġifieri fil-livell tal-valur referenzjarju ta' 3%, u l-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern għall-PDG ġenerali tiegħu kien ta' 24,1%, jiġifieri ferm taħt il-valur referenzjarju ta' 60% mill-2007.

4. Il-konformità mal-marġni ta' fluttwazzjoni normali tal-Mekkniżmu tar-Rata tal-Kambju (ERM II) tas-Sistema Monetarja Ewropea għal tal-anqas dawn is-sentejn li għaddew

Il-lev Bulgaru pparteċipa fl-ERM II fil-perjodu referenzjarju ta' sentejn mill-20 ta' Mejju 2023 sad-19 ta' Mejju 2025. Matul il-perjodu referenzjarju, il-lev ma wera l-ebda devjazzjoni mir-rata ċentrali. Il-Bulgarija ssodisfat kważi l-impenji kollha tagħha ta' wara d-dħul skont l-ERM II. Huma meħtieġa aktar sforzi relatati ma' miżuri kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT).

5. Id-durabbiltà tal-konverġenza, kif riflessa fil-livelli tar-rati tal-imgħax fit-tul

Fit-12-il xahar sa April 2025, ir-rata medja tal-imgħax fit-tul tal-Bulgarija kienet ta' 3,9%, ferm taħt il-valur referenzjarju ta' 5,1%. Il-valur referenzjarju għal April 2025 huwa kkalkulat bħala l-medja sempliċi tar-rati medji tal-imgħax fit-tul fl-Irlanda (2,8%), fil-Finlandja (2,9%) u fl-Italja (3,7%) flimkien ma' 2 punti perċentwali, li jrendu valur referenzjarju ta' 5,1%.

6. L-integrazzjoni u l-konverġenza ekonomiċi (l-Artikolu 140(1), it-tieni subparagrafu tat-TFUE)

F'konformità mal-Artikolu 140 tat-TFUE, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni trid tqis ukoll fatturi addizzjonali rilevanti għall-integrazzjoni u l-konverġenza ekonomiċi, peress li dawn jipprovdu għarfien dwar il-kapaċità ta' Stat Membru li jissieħeb fiż-żona tal-euro mingħajr diffikultajiet sinifikanti. Dawn jinkludu żviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tal-prodotti, tax-xogħol u tas-suq finanzjarju.

F'dan il-kuntest, il-pożizzjoni esterna tal-Bulgarija tjiebet, bil-kont kurrenti u kapitali kkombinat tagħha qrib il-bilanċ fl-2024. Il-pajjiż huwa integrat tajjeb maż-żona tal-euro permezz tal-kummerċ u l-investiment, u jibbenefika minn integrazzjoni bankarja u finanzjarja akbar u aċċess għas-suq usa' taż-żona tal-euro. Il-Bulgarija qed tkompli tagħmel progress iżda huma meħtieġa aktar azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-istat tad-dritt, l-isforzi kontra l-korruzzjoni u l-kwalità regolatorja.

Filwaqt li s-settur finanzjarju huwa żgħir u ddominat mill-banek, huwa inkorporat sew fiż-żona tal-euro, appoġġjat mill-parteċipazzjoni tal-Bulgarija fl-unjoni bankarja mill-2020. Il-

finanzjament ibbażat fuq is-suq għadu sottożviluppat, iżda r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja qed jiġu mitigati mill-politika makroprudenzjali konservattiva tal-Bank Nazzjonali Bulgaru u mir-robustezza tas-sistema bankarja. Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2025 ma sab l-ebda ħtieġa għal rieżami fil-fond tal-iżbilanċ, iżda enfasizza l-importanza ta' monitoraġġ mill-qrib tal-iżviluppi fil-kompetittività, is-suq tal-akkomodazzjoni u t-tkabbir tal-kreditu.

Il-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Bulgarija, appoġġjat minn EUR 5,7 biljun f'għotjiet tal-UE (2021–2026), għandu fil-mira r-riformi strutturali, il-kompetittività u t-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali. F'April 2025 ġie ppreżentat RRP rivedut biex titħaffef l-implimentazzjoni, speċjalment fid-dekarbonizzazzjoni, il-governanza u l-ambjent tan-negozju. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni (EUR 10,7 biljun għall-2021–2027) ikomplu jappoġġjaw il-kompetittività, it-tranżizzjoni ekoloġika, l-inklużjoni soċjali, u l-edukazzjoni, bl-implimentazzjoni b'mod ġenerali qed tagħmel progress, minkejja xi sfidi li fadal.

7. Nota rigward il-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew

Skont l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura, meta l-Parlament jiġi kkonsultat skont l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kumitat responsabbli għandu jippreżenta rapport lill-Parlament li jippromwovi l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-att propost li abbażi tiegħu l-Parlament għandu jiddelibera. Il-Parlament għandu jieħu votazzjoni waħda dwar l-att propost, li għalih ma tista' titressaq l-ebda emenda, li għandha tapplika wkoll għall-votazzjoni fil-kumitat. Fid-19 ta' Marzu 2025, il-Koordinaturi tal-Kumitat ECON qablu li l-fajl jiġi ttrattat malajr b'votazzjoni fil-plenarja f'Lulju u li l-attività ta' rapporteur dwar dan il-fajl tiġi allokata mill-aktar fis possibbli.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li d-deroga titneħħa u li l-Bulgarija tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2026.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Commissioner for Economy and Productivity; Implementation and Simplification
Minister of Finance of the Republic of Bulgaria
Permanent Representation of the Republic of Bulgaria to the European Union
Chair of the Committee on Budget and Finance in the National Assembly of the Republic of Bulgaria
Association of Banks in Bulgaria
Governor of the Bulgarian National Bank
Prime Minister of the Republic of Bulgaria
Bulgarian Commission for Consumer Protection

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.